REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1511

tas-16 ta' Ottubru 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, bifenox, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltametrina, dikamba, difenokonażol, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoksakarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, żjut tal-paraffina, picloram, prosulfocarb, kubrit, triflusulfuron u tritosulfuron

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusin approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1589 ([3]) estenda l-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi chlorotoluron, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltametrina, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoksakarb, MCPA, MCPB u prosulfokarb sal-31 ta' Ottubru 2020.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1589 estenda l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva tritosulfuron sal-30 ta' Novembru 2020.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1589 estenda l-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, bifenox, clofentezine, dikamba, difenokonażol, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, lenacil, nicosulfuron, picloram u triflusulfuron sal-31 ta' Diċembru 2020.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/555 ([4]) estenda l-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi żjut tal-paraffina u kubrit sal-31 ta' Diċembru 2020.

(6) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi ġew ippreżentati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([5]).

(7) Il-valutazzjoni ta' dawk is-sustanzi ddewmet minħabba raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti, u għalhekk x'aktarx li l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi jiskadu qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Għalhekk, hemm bżonn li l-perjodi tal-approvazzjoni tagħhom jiġu estiżi b'sena.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1589 tas-26 ta' Settembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, beta-cyfluthrin, bifenox, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltamethrin, dicamba, difenoconazole, diflubenzuron, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoxacarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, picloram, prosulfocarb, pyriproxyfen, thiophanate-methyl, triflusulfuron u tritosulfuron (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 24).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/555 tal-24 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni ta' bosta sustanzi attivi elenkati fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 (il-programm ta' tiġdid AIR IV) (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

(8) Fir-rigward ta' każijiet fejn irid jiġi adottat Regolament dwar in-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi konċernati minħabba li l-kriterji ta' approvazzjoni ma ġewx issodisfati, id-data ta' skadenza jew tiġi risettjata għad-data applikabbli qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jew tikkoinċidi mad-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar in-nuqqas ta' tiġdid, skont liema data tiġi l-aħħar. Fir-rigward ta' każijiet fejn irid jiġi adottat Regolament dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi konċernati, għandha tiġi stabbilita l-aktar data bikrija possibbli għall-applikazzjoni, skont kif jippermettu ċ-ċirkostanzi.

(9) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

(10) Peress li l-approvazzjonijiet ta' wħud mis-sustanzi jiskadu fil-31 ta' Ottubru 2020, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

(1) fir-ringiela 40, għal Deltamethrin, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(2) fir-ringiela 65, għal Flufenacet, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(3) fir-ringiela 69, għal Fosthiazate, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(4) fir-ringiela 102, għal Chlorotoluron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(5) fir-ringiela 103, għal Cypermethrin, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(6) fir-ringiela 104, għal Daminozide, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(7) fir-ringiela 107, għal MCPA, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(8) fir-ringiela 108, għal MCPB, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(9) fir-ringiela 119, għal Indoxacarb, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(10) fir-ringiela 160, għal Prosulfocarb, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(11) fir-ringiela 161, għal Fludioxonil, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(12) fir-ringiela 162, għal Clomazone, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2021";

(13) fir-ringiela 169, għal Amidosulfuron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(14) fir-ringiela 170, għal Nicosulfuron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(15) fir-ringiela 171, għal Clofentezine, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(16) fir-ringiela 172, għal Dicamba, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(17) fir-ringiela 173, għal Difenoconazole, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(18) fir-ringiela 176, għal Lenacil, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(19) fir-ringiela 178, għal Picloram, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(20) fir-ringiela 180, għal Bifenox, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(21) fir-ringiela 181, għal Diflufenican, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(22) fir-ringiela 182, għal Fenoxaprop-P, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(23) fir-ringiela 183, għal Fenpropidin, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(24) fir-ringiela 186, għal Tritosulfuron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"30 ta' Novembru 2021";

(25) fir-ringiela 289, għal Triflusulfuron, fis-sitt kolonna tal-intestatura "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2021";

(26) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 292, kubrit, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Diċembru 2021"

(27) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 294, żjut tal-paraffin, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Diċembru 2021";